MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**

**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 180/2013

Mobisle **Communications Ltd**

**(C24655)**

**Vs**

**Gilbert Farrugia**

**(363379M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici, s-somma

ta’ tmien mija sebgha u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€847.21c) in konnessjoni ma’ Laptop Connect (AC5098901) u li jinkludi HP Compaq 610 u internet key Bondluxe C270, u dan skont kuntratt tad-9 ta’ Novembru, 2009.

Illi s-somma ta’ tmien mija u sebgha u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€847.21c) fuq indikata hija komposta minn mitejn u disgha ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€290.21c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont dokument ‘B’, flimkien ma hames mija u sebgha u hamsin ewro (€557) bhala penali skont dok ‘C’ fil-process.

Interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqgha inadempjenti u ghalhekk issir din il-kawza kontra l-konvenut. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2904/12 u bl-imghax ta’ Dicembru, 2012.

Illi wara li gie debitament notifikat il-konvenut ipprezenta risposta fis-6 ta’ Gunju, 2013 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Xehdet Ruth Debono li spjegat kif giet milhuqa s-somma mitluba.

Illi fis-26 ta’ Frar, 2014 l-intimat ipprezenta nota li permezz taghha ammetta l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici limitatament ghas-somma ta’ tmien mitt ewro (€800). Fejn talab ukoll illi jhallashom b’rati mensili ta’ hamsin ewro (€50).

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti u semgha x-xhieda jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mitt ewro (€800) u tikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' tmien mitt ewro (€800) lis-socjeta' attrici bir-rata mensili ta' hamsin ewro (€50).

Bl-imghax ikun dekoribbli biss kemm il-darba l-konvenut ifalli zewg rati mensili konsekuttivi, u f'dak il-kaz l-imghax legali jibda jghodd mis-7 ta' Dicembru, 2012 u s-socjeta' attrici jkollha d-dritt li titlob il-bilanc dovut f'daqqa.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------